1 ta' Diċembru, 1953.

Imħallef:
L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Carmela Deguara *versus* Michele Deguara

**Alimenti — Mara — Separazzjoni Personali.**

*F'kawża li l-mara tagħmel kontra r-raġel, minnu mifruda "de facto", biex dan jiġi kundannat jagħtiha l-alimenti, mhix biżżejjed l-allegazzjoni tar-raġel, biex dan jeħles mid-dmir tiegħu li jmantni l-martu, li din irrendiet ruħha ħatja ta' adulterju. Biex jeħles minn dak id-dmir tiegħu, ir-raġel, li ma jkunx interpella lil martu biex tmur tgħix miegħu, ma għandux jagħmel ħaġ'oħra ħlief azzjoni ta' separazzjoni personali.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-attriċi, wara li ppremettiet illi hija hi mart il-konvenut (dok. B), u hija qiegħda tgħix separatament mill-konvenut żewġha, billi dan xi ħamsa u għoxrin sena ilu kien telaqha u siefer, u qatt ma pprestalha l-manteniment għaliha u għas-sitt itfal komuni, li però l-lum huma kollha maġġjorenni; u illi l-konvenut il-lum reġa' rritorna Malta, imma qiegħed igħix separatament minnha, martu, u ma jridx jirċeviha f'daru, u lanqas jagħtiha manteniment skond il-bżonnijiet tagħha u l-mezzi tiegħu, kif hu obligat skond il-liġi; talbet illi, premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti neċessarji, il-konvenut jiġi minn dina l-Qorti kundannat jissomministralha pensjoni alimentarja f'dak il-mod, żmien u rata, li jiġu stabbiliti minn din il-Qorti. Bl-ispejjeż, komprіżi dawk tal-mandat ta' impediment tas-safar tal-lum stess, 19 ta' Awissu 1953. Il-konvenut ġe inġunt biex jidher personalment għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi miġjuba jirriżulta illi l-kontendenti żżewġu fl-10 ta' Frar 1917. Xi granet wara dan iż-żwieġ l-attriċi kellha xi relazzjonijiet intimi ma' hu l-konvenut, li minħabba f'hekk kien beda proċeduri għas-separazzjoni personali kontra tagħha, imma ma kompliħomx. Effettivament il-kontendenti baqgħu jgħixu flimkien, u miż-żwieġ tagħhom twieldu sebat itfal. In segwitu l-konvenut siefer, u minn dak iż-żmien ma għex aktar ma' l-attriċi, billi mar l-Ingilterra, fejn baqa' sa xi seba' xhur ilu, meta huwa reġa' ġie Malta. Minn mindu ma baqax igħix ma' l-attriċi, u kien separat "de facto" minnha, jiġifieri minn xi 25 sena (fol. 7), il-konvenut qatt ma ta lil din l-alimenti;

Illi l-konvenut jallega illi huwa ma jridx jagħti alimenti lill-attriċi minħabba li dina rrendiet ruħha ħatja kontra tiegħu ta' adulterju. Għall-finijiet ta' dina l-kawża din l-allegazzjoni mhix biżżejjed biex teħles lill-konvenut milli jagħti l-alimenti lill-attriċi, li hi martu. Skond il-liġi (art. 3 (2) Kodiċi Civili), ir-raġel hu fid-dmir li jmantni lil martu skond il-mezzi u l-kondizzjoni tiegħu; u kif ġie deċiż minn dina l-Qorti fil-kawża "Vassallo utrinque" fis-17 ta' Jannar 1879, konfermata mill-Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Frar 1880, f'kawżi ta' alimenti "si deve prescindere dalle ragioni per le quali i contendenti da parecchi anni non convivono insieme — ciò che non forma il merito della causa................ l'attrice in difetto di una separazzione giudiziale dal di lei marito ha il diritto di domandare da costui la prestazione degli alimenti nella casa coniugale, od anche altrove, qualora il marito non la reclami a convivere con sè..............";

Biex ir-raġel jeħles mid-dmir tiegħu li jmantni lil martu, meta hemm lok għalih, huwa ma għandux jagħmel ħaġa oħra ħlief jippromwovi azzjoni ta' separazzjoni personali (Kollez. Vol. XXII—I—293). Fil-każ taħt eżami l-konvenut, kif xehed huwa stess (fol. 16), ma għamelx kawża ta' separazzjoni kontra l-attriċi, u lanqas ma interpellaha, fiż-żmien kollu li ilu mifrud minnha ta' 25 sena, biex tmur tgħix miegħu. Dwar daqshekk mhux barra minn loku li jingħad illi dina l-Qorti ma tistax tieħu konsiderazzjoni ta' dak li hu miġjub

ħħala depożizzjoni fl-aħħar paragrafu tax-xhieda tal-konvenut.............. ;

*Omissis;*

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi adeżivament għat-talba ta' l-attriċi, billi tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-istess attriċi, martu, il-pensjoni alimentarja ta' tliet xelini kuljum bil-quddiem settimanalment, jibda mil-lum stess, fid-domiċilju ta' l-attriċi. L-ispejjeż iħallashom il-konvenut.